MALTA

ATT Nru. XII ta' l-1987

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza Elettorali dwar il-Jedd tal-Vot, il-Metodu ta' l-Elezzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' l-Eletturi, Kap. 157,

ACT No. XII of 1987

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Electoral (Franchise, Method of Election and Registration of Voters) Ordinance, Cap. 157,

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

13 ta' Frar, 1987

ATT Nru. XII ta' l-1987

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza Elettorali dwar il-Jedd tal-Vot, il-Metodu ta' l-Elezzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' l-Eletturi, Kap. 157.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1987 li jemenda l-Ordinanza Elettorali dwar il-Jedd tal-Vot, il-Metodu ta' l-Elezzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' l-Eletturi, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza Elettorali dwar il-Jedd tal-Vot, il-Metodu ta' l-Elezzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' l-Eletturi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "l-liġi prinċipali". Titolu fil-qosor.

2. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 12 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "Il-Kamra" għandhom jidħlu l-kliem "Bla ħsara għall-proviso tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Kamra". Emenda ta' l-artikolu 12 tal-liġi prinċipali.

3. Fis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 33 tal-liġi prinċipali, minflok il-paragrafu (a) tiegħu għandu jidħol il-paragrafu li ġej: Emenda ta' l-artikolu 33 tal-liġi prinċipali.

"(a) ikun ġie ppubblikat taħt il-paragrafu (d) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 61 tal-Kostituzzjoni ta' Malta xi tibdil fil-konfini tad-distretti elettorali; u".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 448 tat-13 ta' Frar, 1987.

J. M. BALDACCHINO
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati